DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/1589

tal-15 ta' Ottubru 2018

li taħtar żewġ membri supplenti, proposti mir-Repubblika tal-Estonja, fil-Kumitat tar-Reġjuni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Filwaqt li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Filwaqt li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Estonjan,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Jannar 2015, fil-5 ta' Frar 2015 u fit-23 ta' Ġunju 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjonijiet (UE) 2015/116 ([1]), (UE) 2015/190 ([2]) u (UE) 2015/994 ([3]) li jaħtru l-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020. Fl-4 ta' Settembru 2015, bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1510 ([4]), is-Sur Mart VÕRKLAEV ġie sostitwit mis-Sur Juri GOTMANS bħala membru supplenti.

(2) Konsegwentement għal tmiem il-mandat tas-Sur Georg LINKOV, sar vakanti s-siġġu ta' membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(3) Konsegwentement għal tmiem il-mandat, sar vakanti s-siġġu ta' membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni u abbażi ta' dan is-Sur Juri GOTMANS *(Mayor of Haanja Municipality)* ġie propost,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Huma b'dan maħtura membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2020:

— is-Sur Priit VÄRK, *Mayor of Paide,*

— is-Sur Juri GOTMANS, *Member of Võru Town Council* (bidla fil-mandat).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, il-15 ta' Ottubru 2018.

Għall-Kunsill

Il-President

E. KÖSTINGER

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/116 tas-26 ta' Jannar 2015 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠU L 20, 27.1.2015, p. 42).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/190 tal-5 ta' Frar 2015 li taħtar il-membri u membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠU L 31, 7.2.2015, p. 25).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/994 tat-23 ta' Ġunju 2015 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠU L 159, 25.6.2015, p. 70).

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1510 tal-4 ta' Settembru 2015 li taħtar membru Estonjan u membru supplenti Estonjan fil-Kumitat tar-Reġjuni. (ĠU L 236, 10.9.2015, p. 8)